**Il-Karozzi jgħinuna jew jeqirduna?**

Meta ġiet ivvintata l-ewwel karozza, żmien ġdid beda għad-dinja tat-trasport, li kienet se tbiddel kollox.

L-ewwel karozzi xejn ma kienu lussużi, iżda issa qed jirfinaw mhux ftit. Il-qawwa tal-magna qed tiżdied u tikber, u l-kumdità tista' tqabbilha ma' palazz. L-istil u s-sbuħija tagħhom huma meraviljużi. Il-karozzi jsaħħruk mhux fit-toroq biss iżda wkoll fil-kompetizzjonijiet. Iġegħluna noħolmu li nsiru l-aqwa sewwieqa tad-dinja. Il-karozzi issa saru l-iżjed trasport komuni.

Iżda fid-dinja tal-karozzi mhux kollox huwa ward u żahar. Aktar ma l-karozzi  qed jirfinaw, aktar qed jogħla l-prezz tagħhom. Mhux għall-karozza biss trid tħallas, għax kieku fiha u ma fijiex. Trid tħallas ukoll għal-liċenzja u għall-assigurazzjoni. Meta taħseb fuq hekk taħbat taqta' nifsek quddiem spiża bħal din.

Malli tiftakar fil-karozzi, jiġuk f'moħħok ukoll it-toroq, għax karozzi tajbin jitolbu toroq tajbin, u biex iżżomm it-toroq fi stat tajjeb trid tħallas bosta ħaddiema u jkollok ħafna makkinarju. Din tfisser spiża li tnixxiflek il-bwiet.

Barra minn hekk hemm il-problema tal-bnedmin. Kemm nisimgħu fuq l-aħbarijiet b'dawn il-problemi! Żagħżugħ jaħbat 'l hawn, ieħor jidħol f'siġra għax tilef il-kontroll tal-vettura, ieħor tajjar xiħ… insomma l-inċidenti ma jonqsu qatt. Dejjem b'xi ħaġa. Trid toqgħod b'sebgħa għajnejn miftuħin beraħ meta  ssuq karozza. Mhux ix-xufier biss irid joqgħod attent,  imma wkoll in-nies li jimxu fit-

triq. Għandhom jimxu fuq il-bankini u jobdu r-regolamenti tat-triq jekk ma jridux li jispiċċaw ħażin. Hemm ukoll il-problema tad-dħaħen li joħorġu mill-karozzi. Dawn jidħlu fil-pulmun u jmarrduna, marelli! Kieku dak kollu li semmejt jiġri f'jum wieħed, ta' l-isptar ikollhom x'jagħmlu!

Il-karozzi ġabu ħafna problemi, iżda kull deni ħudu b'ġid għax bil-karozzi d-dinja mxiet tassew 'il quddiem.